# ASPETTI STILISTIĊI TAL-POEŻIJA TA' DUN KARM

**Rev. Dr Edward Fenech**
B.A.(GEN.), B.A.(HONS.), M.A., Ph.D.(Leeds), F.R.A.S., O.S.A.

## Daħla

Fil-ktieb tiegħi *Għas-Sejħa tal-Għana* (Malta, 1980), jien ġa għandi ppubblikati studji stilistiċi dwar poeti bħal Fr Joe Mejlak u Victor Fenech. Hawnhekk, madankollu, qed nippreżenta studju tal-aqwa poeta Romantiku Malti tas-seklu tagħna. Jien kont ilni fi ħsiebi biex ngħaddi lil Dun Karm mill-għarbiel tal-kritika lingwistika-letterarja. Imma bħal kull biċċa xogħol oħra, dan l-istudju kellu jistenna sa ma wasal il-waqt tiegħu.

Il-ħsieb tiegħi twettaq wara li l-Kumitat tal-Konferenza *DUN KARM*, imwaqqaf skont il-fundazzjoni fl-Università ta' Malta mis-Sinjurina Karmen Mikallef Buħaġar bil-kuntratt tas-6 ta' Novembru 1975, stedinni biex nagħti t-tielet konferenza fuq il-Poeta Nazzjonali.

L-ewwel konferenza kien taha l-Professur Ġużè Aquilina fil-5 ta' Marzu 1976. Din kienet fuq *Dun Karm u Żminijietu*. Hi kienet stampata fl-1977. It-tieni konferenza taha Dr Oliver Friggieri. Hi kienet fuq *Mekkaniżmi Metaforiċi f'Dun Karm*. Hi kienet pubblikata fl-1978.

Din il-konferenza tajtha fis-Science Lecture Theatre tal-Università ta' Malta fit-18 ta' Ottubru 1979, il-mija u tmien anniversarju mit-Twelid ta' Dun Karm, fil-preżenza tas-Sinjurina Karmen Mikallef Buħaġar, ir-Rettur Edwin Borg Costanzi, il-Professur Ġużè Aquilina, Mons. Karm Sant A/Kap tad-Dipartiment tal-Malti, is-Sur Ġużè Cassar Pullicino, Dr Wallace Ph. Gulia, is-Sur Erin Serracino Inglott, is-Sur Ġużè Cardona, Dun Frans Camilleri, Mons. Amabale Buontempo u ħafna studjużi oħra ta' lsienna u tal-letteratura tagħna.

### Għan u Firxa tat-Tiftix

L-għan ewlieni ta' dan l-istudju hu li jsir studju kritiku letterarju ta' Dun Karm iktar mill-aspett lingwistiku milli minn ħaġ'oħra. Għalkemm il-kwotazzjonijiet minn Dun Karm baqgħu indispensabbli, huma żgur li ma jiffurmawx l-iktar parti ċentrali ta' dan it-tiftix. Is-siltiet ingħataw biss biex jikkonfermaw il-konklużjonijiet li saru fir-riċerka fuq Dun Karm.

Fil-qofol tiegħu dan l-istudju hu diskussjoni u applikazzjoni tat-teorija lingwistika tad-devjazzjoni b'riferenza għall-poeżiji ta' Dun Karm jew aħjar għall-mikrolingwa tiegħu kif tidher fil-versi li hu ħallielna. Fi kliem ieħor aħna ridna naraw kemm Dun Karm, fil-lingwa Maltija mħaddma minnu fil-poeżija, żamm jew tbiegħed mill-Malti standardizzat.

Imma billi Dun Karm hu prolifiku ħafna, aħna rajna li kien jaqbel li nagħżlu ktieb wieħed għal dan l-iskop. Dan hu l-*Antoloġija* ta' Dun Karm miġbura mill-Professur Aquilina. B'hekk illimitajna rwieħna għal uħud mill-poeżiji li hu kiteb bil-Malti, imma ħallejna l-wisa' għal diversità ta' poeżiji tiegħu kemm bħala metrika, u kemm bħala kontenut. Fl-istess ħin ħallejna barra għalkollox it-traduzzjonijiet li hu għamel u li mhux bilfors jirriflettu għalkollox il-mikrolingwa tiegħu. Iżda dawn il-limitazzjonijiet li aħna imponejna fuqna nfusna huma xhieda biżżejjed biex juru kemm għad baqa' qasam kbir x'jinħadem anki fl-istess linja tat-teorija tad-devjazzjoni.

**Metodu tat-Tiftix**

Biex il-mikrolingwa poetika ta' Dun Karm setgħet tkun studjata fil-qosor, imma fl-istess ħin fl-aspetti ewlenin tagħha, bdejna l-ewwel billi fl-introduzzjoni ddiskutejna l-iżviluppi stilistiċi fi żminijietna. Wara rajna xi aspetti fonoloġiċi. Imbagħad tkellimna dwar xi aspetti morfoloġiċi. Wara għaddejna għal trattament qasir ta' xi aspetti sintattiċi, u sewwasew wara rajna xi aspetti lessikali. Fl-aħħar nett għidna l-konklużjonijiet ġenerali dwar l-elementi karatteristiċi tal-grammatka u tal-lingwa ta' Dun Karm.

Hu ttamat li f'dan l-istudju, għalkemm limitat ħafna, urejna biżżejjed li Dun Karm mhux biss hu poeta kbir, imma li taħt ħafna aspetti ħoloq lingwa għalih, u għaddieha lilna f'sura poetika letterarja.

1 ta' Marzu 1984 Edward Fenech O.S.A

**Introduzzjoni**

F'dawn l-aħħar tletin sena, il-lingwistika għamlet passi kbar kemm taħt l-aspett teoretiku u kemm taħt l-aspett prattiku, hekk li nistgħu ngħidu li fi żmienna din ix-xjenza laħqet stat ta' maturità relattiva. Minħabba f'hekk ma għadhiex iżolata u magħrufa biss mill-ftit bħalma kienet qabel. Għadda ż-żmien tal-Komparatisti, tad-Darwinjani u tan-Neo-Grammatiċi tas-seklu dsatax. Għadda wkoll iż-żmien ta' nies kbar bħal Ferdinand de Saussure, Charles C. Fries u Leonard Bloomfield li dawlu b'għerfhom l-ewwel nofs tas-seklu tagħna, anki jekk għadna m'aħniex miftuma għalkollox mit-tagħlim tagħhom. L-għadd ta' lingwisti fid-dinja hu tassew kbir fi żmienna, u xi ħaġa iżjed hu dak tal-kontribuzzjonijiet tagħhom li jħaddnu varjetà kbira ta' suġġetti u aspetti.

L-istudji lingwistiċi reċenti qegħdin jagħtu kas ukoll tal-letteratura u fetħu toroq ġodda fl-analiżi tat-testi letterarji. B'hekk il-lingwista u l-kritiku letterarju sabu li kellhom għalqa determinata li fiha setgħu jaħdmu t-tnejn bla ma jkunu ta' ħsara għal xulxin. Billi l-lingwistika hi xjenza u l-letteratura hi arti, kulħadd kellu joqgħod fil-limiti tiegħu. Bħala xjenza, il-lingwistika tgħin lill-kritika letterarja taħt l-aspett teoretiku billi tforniha bil-makkinarju meħtieġ għall-analiżi kritika, imma fl-istess ħin tibqa' fil-limiti tagħha ta'

dixxiplina kontributorja għall-kritika letterarja. Il-kritika letterarja ma tintrabatx biss mal-aspett lingwistiku fl-analiżi tat-testi. Fi kliem ieħor, il-metodu teoretiku lingwistiku jgħin lill-kritika letterarja, imma ma jiħux is-supremazija fuqha.

Għall-ewwel għandu mnejn jidher li kienet ħaġa minn ewl id-dinja li l-lingwistika tintegra ruħha mal-kritika letterarja li hi s-sieħba naturali tagħha. Imma l-istorja turina li l-integrazzjoni bejn dawn iż-żewġ dixxiplini damet ma seħħet. Għall-ewwel, il-lingwisti għaddew mill-analiżi ta' fatti lingwistiċi tal-ilsien miktub jew mitkellem u bdew japplikaw l-istess teoriji għall-analiżi ta' testi letterarji. Huma stħajlu li kienu se jkollhom l-istess preċiżjoni xjentifika li kienu qegħdin jiksbu bl-analiżi tal-ilsien bħala tali. Din kienet waħda mill-ewwel illużjonijiet tagħhom. Il-kritiċi letterarji ħassew ruħhom assedjati f'darhom, imma malajr iddefendew irwieħhom billi qalu li l-letteratura hi arti u mhux xjenza. Il-lingwisti b'danakollu ma qatgħux qalbhom u komplew bit-teknika analitika u bl-użu tat-terminoloġija rikka u mħawra tagħhom. Huma ċaħdu għalhekk dak kollu li kien prelingwistiku fost il-kritiċi letterarji, jiġifieri warrbu għalkollox kull aspett suġġettiv, impressjonistiku jew mentalistiku.

Wieħed mill-akbar sforzi li saru favur l-integrazzjoni tal-lingwistika u l-kritika letterarja ġara fl-Istati Uniti fir-rebbiegħa tas-sena 1958. Kien f'dik l-okkażjoni li taħt l-awspiċji tas-*Social Science Research Council* saret konferenza fl-Indiana University biex jesploraw il-possibiltà li jsibu bażi komuni għal diskussjoni u forsi wkoll ftehim, l-iktar fost il-lingwisti, il-psikoloġi u l-kritiċi letterarji, dwar il-karatteristiċi tal-istil fl-ilsien. B'hekk kien ittamat li toħroġ aħjar in-natura tal-letteratura u jingħażlu sistematikament l-elementi kostitwenti tal-istil. Il-parteċipanti mhux biss inqdew b'lingwi diversi fil-qari tal-karti tagħhom u fid-diskussjonijiet, imma wkoll użaw tant metodi diversi biex jippruvaw iħollu l-istess problemi tal-istil li anqas biss ma rnexxielhom jaslu għal definizzjoni komuni tan-natura tal-istil. Imma għall-inqas din il-konferenza serviet ta' stimulu biex kull studjuż jagħraf li kien hemm ħafna metodi oħra li hu seta' juża. Kien b'dan il-mod ukoll li kiber l-interess f'iktar riċerka dwar in-natura tal-proċess letterarju u l-funzjonijiet tal-kritika letterarja.[1]

Wieħed jista' jieħu idea tal-progress li sar fil-kritika letterarja taħt l-influwenza tal-lingwistika billi jħares lejn l-antoloġija *Essays on Style and Language: Linguistic and Critical Approaches to Literary Style* li ħareġ Roger Fowler fl-1966,[2] u xi ħaġa iżjed billi janalizza l-kontribuzzjonijiet varji li hemm fl-antoloġija *Linguistics and Literary Style* li ħareġ Donald C. Freeman fl-1970.[3] Fil-parti l-kbira tagħhom ir-riċerki li hawn f'dawn iż-żewġ antoloġiji nkitbu wara l-1960, b'xi eċċezzjoni bħall-essay 'Linguistics and Literary History' ta' Leo Spitzer.[4] Minn dawn l-istudji toħroġ weħidha l-konklużjoni li kritiku tajjeb fi żminijietna jrid ikun ukoll lingwista tajjeb kif qal l-istess Freeman fl-essay introduttorju 'Linguistic Approaches to Literature'.[5] Ma hemmx għalfejn ngħidu li l-kontributuri għal dawn iż-żewġ antoloġiji ma mxewx fuq metodu lingwistiku wieħed, imma kulħadd qata' għal rasu kif deherlu l-aħjar skont is-suġġett u ċ-ċirkostanzi. Imma minn din il-varjetà kollha, li tinkludi wkoll studju dwar il-grammatka ġenerattiva u l-

kunċett tal-istil letterarju bħala effett tar-rivoluzzjoni li qajjem Noam Chomsky fil-qasam lingwistiku l-iktar bil-pubblikazzjoni tas-*Syntactic Structures* fl-1957, hija prova biżżejjed biex turi x'effett kellha l-lingwistika moderna fuq il-kritika letterarja minkejja n-nuqqas ta' simpatija li kien hemm fil-bidu bejn il-lingwisti u l-kritiċi letterarji.

Fil-bidu tas-Sittinijiet sar id-Disa' Kungress Internazzjonali tal-Lingwisti, u fost il-kelliema kien hemm M. A. K. Halliday li tkellem dwar l-istudju lingwistiku ta' testi letterarji. Iktar tard dan l-istudju kien stampat fil-*Proceedings of the IXth International Congress of Linguists* fl-1964.[6] Fil-karta tiegħu, Halliday irrifera għall-applikazzjoni tat-teknika lingwistika fl-istudji letterarji u sejjaħ dan it-tlaqqigħ tal-lingwistika u l-kritika letterarja bit-terminu kompost 'stilistika lingwistika'.

S'issa ngħataw ħafna definizzjonijiet tal-istil,[7] imma għall-iskop tagħna nistgħu ngħidu li l-istil hu l-mod li bih jitfisser il-ħsieb bis-saħħa ta' kliem, grammatka u sintassi.[8] Il-kelma 'mod' hi l-qofol tad-definizzjoni għaliex tirrileva l-funzjoni essenzjali tal-istil. Fil-fatt, l-istil hu interessat mill-*għażla* li ssir f'livelli diversi tal-ilsien, jiġifieri l-għażla fil-fonoloġija, l-għażla fil-morfoloġija, l-għażla fis-sintassi u l-għażla fil-lessiku. Fl-istess ħin, l-istil jista' joħroġ (a) jew bis-saħħa ta' devjazzjoni min-norma, (b) jew bl-użu metodiku tal-istess mudelli lingwistiċi, (ċ) jew bl-esplojtazzjoni ta' mudelli lingwistiċi l-iktar varji. It-test letterarju nnifsu għandu jkun dak li jmexxina biex niddeterminaw l-istil tiegħu wara li nqegħduh għall-analiżi lingwistika.

Fl-analiżi purament lingwistika aħna mdorrijin nieħdu s-sentenza bħala ikbar unità għall-analiżi tagħna, imma meta niġu għall-istilistika ma nistgħux nibqgħu magħluqin f'dak iċ-ċokon. Problema bħal din nibtet ukoll fit-teorija tat-traduzzjoni fejn is-sentenza nħasset ċkejkna ħafna biex twassal għal traduzzjoni tajba u għal analiżi xierqa. Għalhekk kien issuġġerit li jittieħed il-paragrafu bħala l-ikbar unità, u hekk tnissel it-terminu ġdid 'paragrema'. Imma fil-każ tal-istilistika anqas il-paragrafu ma hu biżżejjed għall-analiżi. Għalhekk kellha tinstab unità ikbar mill-paragrafu biex isservi ta' bażi għall-analiżi stilistika. Din l-unità iktar tikkonsisti fit-test sħiħ li jkollna nanalizzaw,[9] u dan jista' jkun kemm proża, kemm poeżija, u kemm kitba mista.

Meta nħarsu lejn il-progress li sar fil-Malti f'dawn l-aħħar tletin sena naraw li ttieħdu passi kbar fil-qasam lingwistiku. Il-pubblikazzjonijiet lingwistiċi *The Structure of Maltese*,[10] *Papers in Maltese Linguistics*,[11] *Maltese Linguistic Surveys*[12] u *A Maltese-Arabic Comparative Grammar*[13] tellgħu lill-Professur Ġużè Aquilina fuq pedestall fid-dinja tal-istudjużi. Anzi hu għandu jkun magħruf bħala 'Missier il-Lingwistika Maltija' kemm minħabba l-kontribuzzjonijiet tiegħu f'dan il-qasam, u kemm minħabba li kien hu li tħabat biex ex-studenti tiegħu telgħu l-Ingilterra ħalli jitħarrġu fl-aħħar żviluppi tal-lingwistika moderna. Kien b'dan il-mod li jiena ktibt u stajt nippubblika fl-Olanda t-teżi dottorali tiegħi *Contemporary Journalistic Maltese: An Analytical and Comparative Study*. Kien ukoll bl-istess mod li Dr Albert Borg qabad din il-linja ta' lingwistika u

rnexxielu jikseb id-dottorat reċentement minn Università Ingliża, b'teżi lingwistika *A Study of Aspect in Maltese*, pubblikata fl-Istati Uniti fl-1981.

Fl-istess intervall kien hemm ukoll studjużi oħra li interessaw ruħhom fil-lingwistika Maltija. Fost dawn nistgħu nsemmu lil Dr Alexander Borg, David Cohen, William Cowan, Dr B. S. J. Isserlin, Dr J. M. Brincat, Helmut Ludtke, L. P. Trimble u oħrajn. Ta' min isemmi wkoll lil Dr Ahmed Talaat li taħt id-direzzjoni tal-Professur Ġużè Aquilina ħa d-dottorat mill-Università ta' Lixandra bit-teżi *A Comparative Study of Maltese as an Arabic Dialect* f'Settembru 1977.

Għandu jidher ċar għalhekk li l-lingwistika Maltija, kemm sinkronika u kemm dijakronika, imxiet sewwa 'l quddiem, forsi wisq iżjed milli wieħed jaħseb għall-ewwel. Minħabba dal-progress kollu wasal iż-żmien biex il-lingwisti Maltin iduru għall-kritika letterarja bl-apparat lingwistiku tagħhom. Dan hu xogħol li jrid jieħu s-snin il-kbar, imma għandu jħalli t-tajjeb tiegħu jekk irridu ngħinu 'l-Malti biex jilħaq livelli dejjem ogħla, anki fil-qasam stilistiku.

F'dan l-istudju se nħarsu biss lejn il-poeżija ta' Dun Karm kif inhi rappreżentata fl-*Antoloġija* miġbura mill-Professur Ġużè Aquilina. Stajna daħħalna poeżiji oħra mit-tliet kotba tal-Għana li kien ħareġ it-Tabib Ġużè Bonnici, jekk mhux ukoll poeżiji stampati band'oħra, imma dan kien ikun qasam wiesa' wisq għal studju bħal dan. Anzi anki fl-istess *Antoloġija* jkollna nillimitaw irwieħna għal poeżiji magħżula.

Hawnhekk se naraw biss xi aspetti stilistiċi tal-poeżija ta' Dun Karm. U dan se nagħmluh billi nippruvaw noħorġu xi karatteristiċi tal-mikrolingwa Dunkarmjana fil-livelli kollha. Għalhekk l-analiżi tagħna se tinqasam taħt erbat irjus: (a) fonoloġija; (b) morfoloġija; (ċ) sintassi; u (d) lessiku.

**A. Aspetti Fonoloġiċi**

L-istudji stilistiċi huma l-aktar interessanti mill-analiżi tal-ilsien miktub, u mhux dak mitkellem. Imma fil-fatt il-fonoloġija għandha ħafna x'tagħti f'diversi kontributi letterarji bħalma huma d-drammi, il-ħrejjef u l-poeżija. Hu x'aktarx minnu li hemm xi għamliet ta' poeżija miktuba bil-għan li tidher fuq il-karta bis-simboli ortografiċi u b'manjieri diversi bħalma jiġri kultant fil-poeżija Futurista. Imma meta nħarsu lejn il-poeżija ta' Dun Karm x'aktarx li ninnutaw li kienet miktuba bil-għan li tkun ippreservata l-kelma mlissna mill-poeta bl-effetti kollha tagħha. Hekk, pereżempju, ma nistgħux nitkellmu fuq rima tal-kliem miktub mingħajr ma nirrikorru għall-mod kif hu jkun pronunzjat fil-fatt. Nieħdu l-aħħar terzina tas-sunett "Xi Nħobb – Ma Nħobbx il-Gwerra" (p. 5):

> Inħobb il-għaqda li ma tafx bil-herra;
> Inħobb il-ħaqq u s-sewwa; inħobb is-saħħa
> Li taħdem għal kulħadd: ma nħobbx il-gwerra.

Iż-żewġ kelmiet li jirrimaw huma 'herra' u 'gwerra'. Jekk inħarsu lejhom fil-kitba jidhru li jiffurmaw rima perfetta għaliex jaqblu għalkollox ortografikament mis-sillaba aċċentwata lura. Imma meta nħarsu lejn il-fonoloġija tagħhom naraw li 'herra' fiha l-vokali [e:], jiġifieri l-parti li tirrima hi ['e:rra], filwaqt li 'gwerra' għandha l-vokali [e] qasira, hekk li l-parti li tirrima hi ['erra]. Jekk inlissnuhom b'dan il-mod, ['e:rra] u ['erra], ir-rima tkun imperfetta. Imma nafu li 'herra' għandha wkoll pronunzja reġjonali, bħal fil-każ tal-Kottonera, u tista' għalhekk titlissen bil-vokali [e] qasira, jiġifieri ['erra].[14]

Bħal f'ilsna oħra, fil-Malti nsibu ħafna kliem li jista' jkun imlissen b'żewġ modi jew iżjed, u kull mod ikun aċċettabbli. Imma mal-mod li jingħażel mill-kittieb, joħroġ ukoll l-istil fonoloġiku tiegħu li jitlob interpretazzjoni partikulari. Nieħdu bħala eżempju l-kwartini tas-sunett "Lil Malta – Fuq il-Fruntiera" (p. 2):

> Dejjem rajtek sabiħa, o Malta tiegħi,
> Fil-libsa mżewqa li int ħdimt mas-snin,
> Libsa li taf is-Sengħa f'bosta frieghi,
> Minsuġa b'ħajt l-Imħabba w it-Twemmin.
>
> U jien, poeta, o kemm għannaqtek miegħi!
> Kemm bews qegħedtlek fuq ħaddejk ħelwin!
> Kemm ħaddimt ħsiebi u qalbi u d-dgħif ta' driegħi
> Biex ma narakx f'idejn il-barranin!

Jekk inħarsu lejn il-kliem li jirrima 'tiegħi', 'friegħi', 'miegħi', 'driegħi', naraw li fil-Malti standardizzat għandu żewġ modi aċċettabbli. Aħna nistgħu jew inlissnu ['ti.ai], ['fri.ai], ['mi.ai], ['dri.ai], jonkella nlissnu: ['ti.ei], ['fri.ei], ['mi.ei], ['dri.ei]. Ġaladarba hawn possibiltà ta' għażla, hawn ukoll possibiltà ta' mmarkar għall-istil fis-sistema fonoloġika. Kollox jiddependi jekk l-*għ* storika tkunx realizzata bħala [a] bħal fil-każ ta' ['ti.ai], jew tkunx realizzata bħala [e] bħal fil-każ ta' ['ti.ei], kif kienu jgħallmuna fil-grammatka tal-Malti tradizzjonali. Anzi hemm ukoll possibiltà oħra: dik li l-*għ* storika ma tkun realizzata xejn bħal fil-każ tal-pronunzja reġjonali ['ti.i]. Minħabba s-sistema ortografika tagħna, Dun Karm ma jgħidilniex x'kien qed jifhem fonoloġikament b'dan il-kliem. Għalhekk, filwaqt li hu seta' jagħżel għalih bejn pronunzja standardizzata u oħra, u bejn pronunzja standardizzata u pronunzja reġjonali, hu tilef l-okkażjoni li jagħmel impatt stilistiku fl-aspett fonoloġiku, u ħalla l-għażla f'idejna. Hekk jiġri li meta aħna naqraw rima bħal din, inkunu qegħdin ninterpretaw, x'aktarx arbitrarjament, il-ħsieb u x-xewqa tiegħu. Din hi limitazzjoni oħra tal-ortografija tagħna, u kienet tkun għalkollox eliminata li kieku Dun Karm inqeda bl-alfabet fonetiku.

L-ortografija tal-kliem Semitiku Malti hi bbażata prinċipalment fuq prinċipji morfemiċi u etimoloġiċi, imma l-pronunzja tal-istess kliem jirrifletti t-tlissin attwali. Hekk, pereżempju, il-vokali [i:] u l-vokali [u:] jinkitbu bħala *i* u *u*, imma jkunu mlissna [ie] u [uo] meta warajhom tinzerta l-konsonanti *ħ*, jew il-konsonanti *q*, jew il-konsonanti

storika *għ* u jkunu f'sillaba aċċentwata. Hekk, niktbu 'xħiħa', 'sabiħa', 'maħruq' u 'magħluq', imma mbagħad inlissnu ['sħieħa], [sa'bieħa], [maħ'rouʔ] u [ma:'louʔ].

Fis-sunett "Għal Dun Mikiel Xerri" (p. 3), niltaqgħu mal-kelmiet 'xħiħa' u 'sabiħa' fl-ewwel terzina:

> Jien regħ'xt u bkejt, għax rajt kemm kienet xħiħa
> miegħek din l-Art li int ħabbejt fis-sewwa,
> bi mħabba safja u bla nuqqas sabiħa…

Ortografikament, ir-rima tidher li hi *iħa* ['i:ħa], imma fonoloġikament hi realizzata bħala ['ieħa] minħabba r-regola fonetika li semmejna fuq.

Fil-poema "Il-Musbieħ tal-Mużew" (p. 78) insibu l-istrofa sitta li se nġibu hawn taħt:

> U jħares, u jifli
> Dak fommok maħruq,
> U l-ħofra fejn żejtek
> Fiż-żmien kien magħluq…

Ir-rima li naraw hawn hi *uq* fis-sistema ortografika, imma hi [uoʔ] fis-sistema fonoloġika. B'hekk ir-rima ortografika ġieli tingħażel mir-rima fonoloġika. Din hi limitazzjoni oħra li timponi ruħha fuq il-poeżija u ġġagħalha titbiegħed mir-realtà ta' tlissin il-kliem.

Fi kliem ieħor nistgħu ngħidu li Dun Karm sab ruħu marbut mir-regoli ortografiċi, u xejn ma fittex li jaħrab minnhom. Il-poeti Futuristi, pereżempju, ġieli ma qagħdux għar-regoli tal-ortografija standardizzata, imma Dun Karm għażel li jintrabat biha kemm meta kien qiegħed jinqeda b'sistema ortografika qadima, u kemm meta beda juża dik tal-*Għaqda*. B'dan il-mod ġab ruħu bħala poeta konservattiv u fl-istess ħin modern għaliex mexa dejjem skont l-ortografija aċċettata fil-mument bla ma fittex li jaqta' għal rasu.

Imma jekk Dun Karm wera ruħu konservattiv fis-sistema ortografika, hu ġieb ruħu ta' progressiv fl-użu li għamel mir-rima fil-poeżija tiegħu. Għalkemm ma hux minnu dak li qal Milton fl-introduzzjoni tal-ewwel edizzjoni tal-*Paradise Lost* li r-rima hi invenzjoni ta' żmien barbaru, il-poeti Klassiċi Griegi u Latini ma nqdewx biha jekk mhux aċċidentalment jew għall-inqas okkażjonalment u fil-bogħod. Dun Karm għaraf ukoll il-fatt li r-rima ma hix indispensabbli, anzi ħafna drabi ma nqediex biha. Hekk għamel, pereżempju, meta kiteb poeżiji ta' ċertu nifs fil-versi tal-ħdax maħlula, fil-versi liberi, u xi kultant fis-saffika.

Iżda anki jekk ninsew għal ftit dawn il-każijiet ta' poeżiji bla rima, ma rridux wisq biex insibu li Dun Karm ħass ruħu liberu biex jinħall mill-irbit sfiq tar-rima perfetta fil-poeżiji l-oħra rimati. Hekk, pereżempju, hu ħa liċenzja poetika u elimina l-aħħar konsonanti [n] tal-kelma 'xejn' kif jiġri spiss fil-Malti mitkellem, biex b'dan il-mod sab kelma tirrima mal-kelma 'Mulej' fis-sunett "Lill-Madonna ta' Lourdes" (p. 18):

Inti li taf kif jiżen il-Mulej,
u taf kif jgħabbar in-nirien tal-Qilla
bl-ilma tal-Ħajr, meta tibki l-Indiema,

tħallix, Madonna, li tintemm fix-xej'
it-talba tal-ġwejdin: miktub ewwilla
li qatt id-dinja m'għandha jkollha sliema?

Imma iżjed minn hekk, hu ġieli nqeda bir-rima imperfetta għalkollox. Hekk, pereżempju, hu għamel użu mill-"eye rhyme", hekk li fil-kitba ortografika tagħna tidher li hemm ir-rima, filwaqt li fil-fonoloġija attwali hemm nuqqas ta' qbil perfett fl-element vokaliku aċċentwat. Fis-sunett "Lill-Pjaċir" (p. 18), hu jagħti l-kelma 'hena' bħala kelma li tirrima ma' 'sena' għalkemm waħda hi mlissna ['e:na] bil-vokali [e:] u l-oħra ['sena] bil-vokali [e] qasira. Dan hu każ ieħor li jaqbel ma' 'herra' u 'gwerra' li semmejna qabel. Differenza oħra vokalika fil-livell fonoloġiku nsibuha, pereżempju, fit-tieni sunett "Lil Ġannina Pisani" (p. 8) li fih il-kelma 'ħafifa' hi mogħtija bħala kelma li tirrima ma' 'sħiħa', 'sabiħa', u 'xħiħa'.

Ġannina, l-qabar mhux għal dejjem: sħiħa
qiegħda ġo sidri din it-Tama kbira;
għad terġa' tidher ħarstek is-sabiħa,
tarġa' tal-Hena tħeġġek it-tferfira.

Il-ġebla li tgħattik għalxejn tkun xħiħa,
għax il-Wegħda ta' Kristu mhix qasira:
"Jekk miegħek tħaddan is-Salib, ħafifa
tkunlek il-Qawma u Ruħek ma tkunx fqira."

Dan hu każ ieħor ta' rima ortografika, imma mhix fonoloġika. Għal Dun Karm l-iktar importanti kien il-ħsieb, u mhux ir-rima perfetta. L-assonanza u l-konsonanza għalih jiswew daqs ir-rima meta jkun hemm raġuni suffiċjenti.

Barra minn dan, Dun Karm ġieli daħħal il-pronunzja djalettali biex iġib ir-rima. Hekk, pereżempju, l-*h* storika tal-pronom mehmuż tal-femminil singular hi realizzata bħala [j] f'ħafna djaletti Maltin u Għawdxin. B'dan il-mod il-kelma miżjuda morfoloġikament 'ħdejha' hi mlissna ['ħdeija] djalettalment. Din l-istess kelma, Dun Karm daħħalha fis-sunett "Il-Għid tal-Imwiet" (p. 10) u qabbilha mal-kelma 'għajnejja':

Dlonk ħsieb minn moħħi jgħaddi u jfakkarni
F'xi wħud li jien ħabbejt, u d-dmugħ f'għajnejja
Jaqbeż, u qalbi ddub f'ħasra qawwija.

Il-knisja tal-quċċata imma ssabbarni,
Fejn Omm imnikkta b'Binha mejjet ħdejha
Fuq l-oqbra ta' kulħadd tħares Marija.

Għall-effett tal-enfasi, Dun Karm anqas ma sabha bi kbira biex jinqeda bl-istess kelma minflok bi kliem differenti f'pożizzjonijiet li fihom kienet meħtieġa r-rima. Hekk, pereżempju, fis-sunett "Xi Nħobb – Ma Nħobbx il-Gwerra" (p. 5) li ġa semmejna qabel idaħħal il-kelma 'gwerra' sitt darbiet f'tarf il-vers. Tant hu hekk li s-sunett fih tliet rimi biss ['aʔni] bħal fil-kelma 'ħalaqni', ['erra] bħal fil-kelma 'gwerra' u ['aħħa] bħal fil-kelma 'saħħa'. Is-sunett sħiħ hu dan:

Inħobb fuq kollox 'l Alla li ħalaqni
U tani l-jedd li ngħix: ma nħobbx il-gwerra;
Inħobb il-Knisja tiegħu li twettaqni
F'dak li ħabbarli Hu: ma nħobbx il-gwerra.

Inħobb l-art ta' twelidi li trejjaqni
Bil-ħobż minn tagħha bnin: ma nħobbx il-gwerra;
Inħobb dik il-Bandiera li sseddaqni
Flimkien ma' ħuti hawnhekk: ma nħobbx il-gwerra.

Inħobb il-paċi li bid-daħka tagħha
Thenni s-smewwiet u l-art: ma nħobbx il-gwerra,
Għax niket, biża' u mewt imorru magħha.

Inħobb il-għaqda li ma tafx bil-herra;
Inħobb il-ħaqq u s-sewwa, inħobb is-saħħa
Li taħdem għal kulħadd: ma nħobbx il-gwerra.

Għalkemm dan hu l-iktar każ immarkat għar-ripetizzjoni tal-istess kelma fl-istess poeżija għall-effett tal-istil f'pożizzjoni ta' rima, żgur li ma hux każ uniku ta' tennija simili. Hekk, pereżempju, fis-sunett "Roma Immortalis" (p. 11) insibu l-kelma 'Kristu' taqbel magħha nfisha fis-sestina:

Fuq it-trab tagħha tqiegħdet ġebla ġdida,
– Il-ġebla kienet Pietru u q'għedha Kristu –
Alla wettaqha… iż-żmien jgħaddi w iżidha.

Hekk kibret, mill-qadima iżjed sabiħa,
Ruma oħra, mgħannqa mas-Salib ta' Kristu,
Ruma li ma tmut qatt, u qatt mhi xiħa.

Fl-ottava tal-istess sunett insibu l-kelma 'mogħnija' mtennija wkoll, b'mod li ż-żewġ kwartini li jiffurmaw l-ottava jibdew b'vers li jispiċċa biha:

Fejn hu l-midbaħ ta' Ġove? Id-djar mogħnija
Tas-slaten rebbiħin, iddew! Fejn huma?
Bla ħoss iġġarrfet minn kulħadd minsija
Il-qawwa ta' bla tarf li kienet Ruma.

Għalxejn poeti, ftit jew wisq mogħnija,
B'kelma tas-saħħa, iddoqq, safja, mirquma,
Għannewlha tqum: il-mejta, bla mibkija,
Taħt il-ħerba taż-żmien baqgħet mirduma.

Il-kelma 'mogħnija' x'aktarx li tagħti inqas fil-għajn mill-isem proprju 'Kristu'. Imma daż-żewġ kelmiet imtennija fl-istess sunett jagħtu xhieda ta' kemm Dun Karm kien jemmen fir-ripetizzjoni stilistika f'pożizzjoni fejn ir-rima tkun mistennija.

Dun Karm kien jinqeda bit-tennija tal-istess kelma fil-pożizzjoni tar-rima mhux biss fil-każ tas-sunetti fejn ir-rima tkun iktar sfiqa, imma wkoll f'poeżiji oħra fejn ir-rima hi iktar rari. Hekk jagħmel, pereżempju, fis-saffika "Lil Malta tal-Lum u ta' Għada" (p. 77) fejn insibu l-kelma 'Monument' imtennija:

isma' minni, tersaqx bit-tifħir f'fommok,
bir-rand f'idejk quddiem il-Monument;
jiena ngħidhulek: Gidba sar tifħirek,
u gidba l-Monument.

Teknika oħra li jħobb jinqeda biha Dun Karm fil-każ tar-rima hi dik li jtenni l-istess kelmtejn jew iżjed li jirrimaw fi strofi diversi fl-istess poeżija, meta mhux ukoll f'poeżiji indipendenti marbuta tematikament. Hekk, pereżempju, fis-sunett "Talba għax-Xita" (p. 12) insibu l-kliem 'tagħna', 'ismagħna', 'xebagħna', u 'magħna' li jirrima fl-ottava. Imbagħad, fis-sunett "Wara x-Xita" (p. 12), li hu t-tweġiba tal-ewwel wieħed, jidher mill-ġdid is-sett ta' kliem li jirrima b'bidla żgħira: 'tagħna', 'tismagħna' (flok 'ismagħna' kif dehret qabel), 'xebagħna' u 'magħna'. Ħaġa bħal din Dun Karm ma setax ma jagħmilhiex apposta, u għalhekk għandha titqies bħala karatteristika tiegħu, minkejja l-fatt li ma kienx waħdu li għamel hekk fil-poeżija Maltija. Ara bħala eżempju iktar strett ta' din it-teknika fiż-żewġ sunetti marbutin taħt l-isem "Fil-Portugall" ta' Salvu Frendo de Mannarino.[15]

L-ottava ta' "Talba għax-Xita" hi din li ġejja:

Mulejja, ħniena minn dil-gżira tagħna!
Inti li ħtartha bħala bintek kmieni,
Int li ta' mħabbtek tajtha l-jedd ewlieni,
Tħallihiex tmut bil-għatx, Mulejja, ismagħna.

Kollox niexef madwarna: oqsma xebagħna
Ma tara mkien; imkien ma jidher hieni
Wiċċ ta' bidwi felħan, u fuq is-swieni
Li ma jroddux, is-siġar tibki magħna!

L-ottava tas-sunett pariġġu "Wara x-Xita" hi din li ġejja:

Kemm niżlet ħelwa fuq il-gżira tagħna

Ix-xita li tlabniek, Alla ħanin!
Aħna nafu, Missier, li int tismagħna,
Għax l-għaxqa tiegħek thenni lill-bnedmin.

Minn qalbna niżżuk ħajr. Meta xebagħna
Iħaddru l-oqsma u b'siġar imwarrdin
Jifirħu l-ġonna u s-sema jidħak magħna
Bix-xemx li ttuq il-kotra tal-ħajjin…

Fil-poeżija "Il-Monument" (pp. 28-29) insibu l-kelmtejn 'quddiem' u 'sliem' jirrimaw fi tliet strofi differenti. L-ewwel ma jidhru hu fl-ewwel strofa:

Waħdek, ġwejjed, b'mixjitek sabiħa,
B'dik il-ħarsa mitfugħa 'l quddiem,
Fejn int sejjer, o Bniedem, o Alla,
Fommok mimli bil-kelma tas-sliem?

Imbagħad jerġgħu jidhru għat-tieni darba fis-sitt strofa b'ordni inversa:

U Int ġwejjed, b'mixjitek sabiħa,
Fommok mimli bil-kelma tas-sliem,
B'dik il-ħlewwa ta' Bniedem u Alla,
B'dik il-ħarsa mixħuta 'l quddiem…

It-tielet darba li l-istess par jerġa' jidher hu fl-aħħar strofa li hi biss varjanti tal-ewwel waħda:

Issa waħdek, b'mixjitek sabiħa,
B'dik il-ħarsa mitfugħa 'l quddiem,
Fejn int sejjer, o Bniedem, o Alla,
Fommok mimli bil-kelma tas-sliem?

Fil-poeżija "Int Alla Ħanin" (pp. 32-33) insibu l-kelmtejn li jirrimaw 'Sid' u 'ġid' imdaħħla f'żewġ strofi li jaqblu wkoll f'aspetti oħra hekk li nistgħu ngħidu li huma biss żewġ varjazzjonijiet tal-istess idea bażika. L-ewwel ma jidhru hu fit-tielet strofa:

Tal-ħlejjaq
is-Sid,
fik jibda
kull ġid…

Imbagħad jidhru għat-tieni darba fl-għoxrin strofa:

Tal-ħlejjaq
is-Sid,
fawwara
ta' ġid…

Din it-teknika ta' ripetizzjoni ta' kliem jirrima hi mħaddma ħafna f'Dun Karm. Ara wkoll bħala eżempju l-par 'Lhudija/mistoqsija' li jirripeti ruħu tliet darbiet u l-par 'Ġesù/hu' li jirripeti ruħu erba' darbiet it-tnejn fil-poeżija "Dan Min Hu?" (pp. 51-53). Hekk ukoll ara l-par 'fuħħar/bin-nhar' li jtenni ruħu tliet darbiet fil-poemett "Il-Musbieħ tal-Mużew" (pp. 78-87) miktub fl-1920. Dun Karm iqabbel ukoll flimkien kliem ta' binja sempliċi mal-bixra komposta tiegħu. Hekk, fil-ħdax-il strofa ta' "Il-Monument" (p. 29) insibu l-kelma 'mkien' imqabbla ma' 'kullimkien':

> Oh xi ħlewwa ta' ġranet imbierka
> Kienet dik! liema ferħ kullimkien!
> Fuq kull wiċċ tara d-daħka tal-hena,
> Ħarsa mnikkta ma tilmaħ imkien!

Każ ieħor bħal dan, anzi iktar sempliċi u ċar minħabba l-ekonomija tal-kliem li jissieħeb miegħu, insibuh fil-wieħed u għoxrin strofa tal-poeżija "Int Alla Ħanin" (p. 33) fejn niltaqgħu mal-par 'ħadd/kulħadd':

> ma tinsa
> lil ħadd
> bik mogħni
> kulħadd.

Din is-sempliċità kollha min-naħa tar-rima għandha turi biċ-ċar il-ħila li kellu Dun Karm fil-kitba tal-poeżija. Ir-rima ma hix ir-ruħ tal-poeżija, imma biss libsa esterna. Hu għalhekk li l-poeta tagħna seta' jisfida r-rima perfetta u jinqeda wkoll bl-istess kliem rimat bla ma jagħmel ħsara għall-poeżiji tiegħu. Fil-fatt, meta hu ried jagħmel rima perfetta hu sabha wkoll, hekk li għandu inventarju sħiħ ta' rima Maltija fil-poeżiji tiegħu. Hu mhux biss għandu l-varjetà fir-rima, imma wkoll fl-għażla tal-kliem li jirrima, għalkemm ħafna drabi wieħed ikun jista' jbassar x'se jkun il-kliem li jirrima minħabba raġunijiet oħra. Hekk, jekk niltaqgħu ma' 'Alla' nistennew 'qawsalla'; jekk hemm 'qalbna' nistennew 'talbna'; jekk hemm 'ommna' nistennew 'fommna'; u jekk hemm 'tiegħek' nistennew 'miegħek', 'jitmiegħek' u 'driegħek'. F'din il-ħaġa madankollu jkun hemm ukoll indħil min-naħa tal-limitazzjoni tal-lessiku Malti, anzi fil-każ ta' Dun Karm, tal-lessiku Malti Semitiku billi fil-poeżija jinqeda kemm jista' bil-Malti safi.

Wieħed mill-merti kbar ta' Dun Karm hu li hu ta armonija kbira lill-vers Malti bit-tħaddim tajjeb tal-metrika, u bin-'naturalezza' li hu nissel fih. Fil-parti l-kbira tagħhom, il-versi ta' Dun Karm jinħassu bħala perfetti u ma jonqoshom l-ebda tibdila jew tiswija. Hu għalhekk ukoll li wieħed iħoss ċerta solennità fil-qari tagħhom. Hu minnu li Dun Karm kien ġa tħarreġ fil-kitba tal-poeżija bit-Taljan, u żgur li dan it-taħriġ f'dak l-ilsien armonjuż għenu ħafna. Iżda hu minnu wkoll li bil-poeżiji tiegħu fi lsienna, Dun Karm ta' prova ċara li kien jaħkem ukoll il-Malti prosodiku wisq aktar mill-kontemporanji tiegħu.

Bħala mudell ta' poeżija Dunkarmjana miktuba fonoloġikament biex isservi ta' analiżi għalina se nġibu s-saffika "Il-Vjatku" (pp. 26-27) li dehret l-ewwel darba fil-ġurnal *Il-*

*Ħabib* fl-1915. Billi hi miktuba bla rima, is-sbuħija tagħha tistrieħ fuq valuri intrinsiċi. Fuq il-livell fonoloġiku, jiswew ħafna l-kwalità tal-versi, l-aċċenti, l-użu tal-konsonanti, tal-vokali u tad-dittongi.

il’vja:tku
kolloʃ  dla:m ’tʃappa ’ziffa ’kiesħa ’dvenven
dʒoʃ’ʃʔuoʔ tat’twieʔi u ’fuoʔ il ’ħdʒietʃ im’sakkar
iʃʃita r’ʔieʔa ’bla ma ’te:da t’tektek
u ’min lim’wiezep

lilma itʃartʃar fit’toroʔ ’fuoʔ iz’zliedʒa
ta l-art im’ʃarba ’laun u ’lin tin’kiser
iddi:ja ’ħamra talfa’na:li w ’donna
ar’rʔa:t tis’tiednek

kem tmet il ’ħa:rsa ’ħat ma ’jider ’barra
ʃi waʔt jin’stama ’miʃi ’ma:ddʒel ’ta:ddi
ʒbie.a seuda fit’trieʔ u ’teip ʃi ’ro:ti
fil ’bo:t i’gergru

filħi:n nisma kem ’kem ’leħen qam’piena
draitu biz’zejjet ’da:k il’leħen ’jersaʔ
u kul ma j’mu:r jit’ʔauwa ’vdaʔʔa ’waħda
’nilmaħ jit’ħarku

ʃi dwa:l tnein ’tnein res’ʔi:n man’naħa l’waħda
u ma loħra tat’trieʔ jit’ʔassmu j’ħeffu
quddiem it’tfa:l fin’nofs ’tmeuwetʃ u ’tħammar
ban’diera ’tʃeikna

ʔedi:n jo’ʔorbu ’seu ’beda jin’stama
illeħen talqas’si:s u tannies ’loħra ’jidru
iddwa:l fit’twieʔi ’wara l’ħdʒietʃ u ’fnofsom
’nies arkop’tei.om

a:ddei dʒe’su: bil’leil fir’rieħ fiʃ’ʃita
kollu ħniena u mo:’dri:ja kollu m’ħabba
seijer i’ʔauwi l’ʔalp ur’ruoħ ta ’mseiken
’flaħħar taʔbi:da

nistħaijel ’mi.ou a:ddei’ji:n moħ’bi:ja
allai’nein talbned’mi:n ’andʒli bil’ʔtaija
u li:lu j’faħħru li vdaʔ’ʃein ħops ’abjat

il’kobor ’ti.ou

a:laʔ w ’ħeba u ’beira ’mʔattsa j’ziddʒu
a:lle:na ta mi:n ’bieħ ’jiʒba u jit’wettaʔ
a:dda dʒe’su: wa’raiħ ’baʔet pħal ’fwieħa
’ħelwa tal’dʒenna

o ta:li:m ilfed’dei o ’emna ’mʔattsa
kem intom ’zbieħ kem ’fi:kom ’e:rf tas’sema
o tjieba ta bla ’tarf int ’bis stait ’ta:mel
dal’dʒen ta ’mħabba

de: meta l’jiem ta ’di:n il’ħaija a’li:ja
ikunu ’waslu bieʃ jin’temmu u ’mdeijaʔ
taħt il’ħakma tal’meut ’kollu nis’tħailu
’ħolma li’mo:ddi

iku:n bil’leil i’ku:n bi’na:r fiʃ’ʃitwa
jeu filʔilla tas’saif e:k ja mu’leija
eija zurni bit’tfa:l tnein ’tnein bil’leħen
li ’jitlop ’ħniena

laħħar ħa’bi:p eija dʒo ’sidri u ’ʔi.et
ʔalbek fuʔ ’ʔalbi u ’min kul ’dnu:p saf’fi.a
mi.ek ma:nnaʔ dʒe’su: ’naʔbat bla ’biza
it’triʔ ta ’deijem

F’din is-saffika jidher li Dun Karm qabbel il-fonoloġija mat-tema ċentrali li titlob li jkun hemm pass tqil fil-metru u solennità fil-għażla tal-għamla tal-istrofa. Ibda biex, il-Poeta ma daħħalx rima, u għalhekk għen biex tinħoloq atmosfera ftit jew wisq klassika. It-tliet versi tal-ħdax segwiti mill-vers tal-ħamsa li hemm f’kull strofa jkomplu jsaħħu s-solennità. Dun Karm daħħal ukoll kemm-il darba l-vers ritmiku rikk tal-ħdax li fih l-aċċent jaqa’ kemm fuq is-sitt u kemm fuq is-seba’ sillaba, bħal fil-każ tal-vers:

Qegħdin joqorbu sew… beda jinstama’…

jonkella l-vers:

Għall-għajnejn tal-bnedmin, anġli bil-qtajja’…

u hekk ukoll fl-aħħar vers tal-ħdax fl-istess saffika:

Miegħek mgħannaq, Ġesù, naqbad bla biża’
It-triq ta’ dejjem.

F’din il-poeżija ninnutaw ukoll li ħafna drabi l-fonoloġija metrika hi limitata mill-grammatka, hekk li strutturalment il-frażijiet ġieli jisfrundaw il-limiti tal-vers u anki tal-istrofa biex iseħħ l-enjambment. Hekk jiġri, pereżempju, bejn l-ewwel u t-tieni strofa:

…………………………
U mill-imwieżeb
L-ilma jċarċar fit-toroq. Fuq iż-żlieġa
Tal-art imxarrba ’l hawn u ’l hinn tinkiser
Id-dija ħamra tal-fanali…

Meta nħarsu lejn il-ħsejjes konsonantali u vokaliċi li jirrealizzaw ruħhom f’din il-poeżija, għandna ninnutaw li l-iktar ħsejjes li qegħdin jagħtu atmosfera kiebja lis-saffika ma humiex il-konsonanti, imma l-vokali. Fil-fatt, il-konsonanti huma varjati ħafna, u l-enfasi qiegħda iktar fuq dawk li huma koronali jew xemxin, milli fuq il-konsonanti quddemin jew fuq il-konsonanti warranin li flimkien jissejħu wkoll qamrin. Imma meta nħarsu lejn il-vokali, insibu li b’kollox is-saffika fiha 579 vokali. Minn dawn, 239 huma vokali magħluqa maqsumin f’176 vokali *i*, u 63 vokali *u*; 153 huma vokali nofs magħluqa u nofs miftuħa, maqsumin f’113 vokali *e*, u 49 vokali *o*; filwaqt li 187 huma miftuħin, jiġifieri l-vokali *a*.

F’din l-istess saffika, Dun Karm għamel użu mill-vokali kollha qosra u twal u mid-dittongi kollha li jeżistu fil-fonoloġija Maltija. Għalhekk nistgħu ngħidu li hu nqeda bir-rikkezza vokalika li għandna fil-Malti. Minħabba l-interess tagħha se nagħtu l-frekwenza ta’ kull vokali u ta’ kull dittong:

| *Vokali* | *Drabi* | *Vokali* | *Drabi* |
|---|---|---|---|
| [i] | 92 | [i:] | 17 |
| [e] | 54 | [e:] | 5 |
| [a] | 148 | [a:] | 22 |
| [o] | 31 | [o:] | 4 |
| [u] | 32 | [u:] | 8 |

| *Dittongi* | *Drabi* |
|---|---|
| [ie] | 27 |
| [iu] | 5 |
| [ei] | 22 |
| [eu] | 5 |
| [ai] | 11 |
| [au] | 6 |
| [ou] | 2 |
| [ui] | 2 |
| [uo] | 3 |

Minn din l-analiżi naslu biex ngħidu li hemm 357 vokali qosra, 56 vokali twal, u 83 dittongi. Minn fost il-vokali qosra, madankollu, il-vokali [a] qasira għandha l-ikbar frekwenza, kif jiġri fil-Malti mitkellem u fil-Malti miktub bħala regola ġenerali. Imma l-frekwenza tagħha ma tibqax qawwija minħabba l-użu sfiq tad-dittong li fihom il-vokali [i] bħala wieħed mill-elementi kostitwenti tagħhom.

**B. Aspetti Morfoloġiċi**

Kull kittieb għandu l-mikrogrammatka tiegħu b'mod li konxjament jew inkonxjament jagħżel ċerti aspetti morfoloġiċi aktar minn oħrajn mill-possibiltajiet kollha li toffrilu l-grammatka tal-ilsien li bih ikun qed jikteb. Hekk, joħroġ ukoll l-istil tal-kittieb fil-livell morfoloġiku għalkemm x'aktarx li għall-ewwel wieħed jista' jaħseb li l-morfoloġija hija waħda għal kulħadd. Jista' jagħti l-każ ukoll li kittieb jinqeda b'forom morfoloġiċi li jkunu meqjusa bħala tendenzi partikulari taħt il-livell standardizzat. Dan jiġri spiss, pereżempju, fil-Malti mitkellem, fil-Malti tal-ġurnali u tax-xandir, kif ukoll fil-Malti ta' wħud mill-kittieba x'aktarx żgħażagħ.

Dun Karm għandu wkoll il-mikrogrammatka tiegħu li tagħżlu minn kittieba oħra ta' lsienna. Bħala regola ġenerali nistgħu ngħidu li hu ma jfittixx li jikser ir-regoli stabbiliti fil-Malti standardizzat. Bil-maqlub, hu jagħmel ħiltu biex ikun eżatt fl-użu morfoloġiku tiegħu, hekk li kultant tidher fih tendenza lejn il-morfoloġija arkajka, li tagħżlu kemm mill-Malti mitkellem, u kemm mill-Malti miktub ta' żmienna. Barra minn dan għandu tendenza li jinqeda iżjed b'ċerti forom morfoloġiċi, milli b'oħrajn minkejja l-possibiltà tal-morfoloġija Maltija.

Fil-Malti modern għandna t-tendenza li ndaħħlu l-vokali *i* prostetika jew tal-leħen qabel in-nomi u l-aġġettivi li jkunu jibdew b'konsonanti likwida li tkun segwita immedjatament minn konsonanti oħra meta nagħmlulhom l-artiklu definit. Hekk, fil-każ tal-kelma 'lwien' x'aktarx li ngħidu u niktbu 'l-ilwien'. Imma Dun Karm iħobb jinqeda bil-forma iżjed stretta billi jqiegħed l-artiklu immedjatament qabel il-kelma bla ma jżidilha l-vokali prostetika. Hekk, fil-poeżija "Għaliex?" (p. 1) insibu l-forma 'il-lsien' kemm fis-sottotitlu: "Jedd il-Lsien Malti", u kemm fil-poeżija nfisha fejn jingħad:

> Għaliex immela tiċħad, Malti ħija,
> lil dan il-Lsien li bih int Malti sewwa?

F'dan l-użu jidher li hu sistematiku. Hekk, il-kelma 'lbies' jagħmlilha l-artiklu definit u jġibha 'il-lbies' fis-sunett "Lill-Pjaċir" (p. 18) fl-ewwel vers tas-sestina:

> U hekk, qarrieqi, taħt il-lbies tal-Hena
> bqajt tindehes mal-ġnus…

Hu jagħmel l-istess fil-poeżija "Lil Malti tal-Lum u ta' Għada" (p. 76) fejn insibuh jistaqsi:

> …………Fejn hi tan-nisa
> il-mistħija fil-ħars, fil-kliem, fil-lbies?

F'din il-poeżija jinqeda bl-istess forma fil-każ tal-kelma 'rġiel':

> Fejn hu l-għaqal tar-rġiel?…

Araw wkoll il-kelma 'rdum' fil-poeżija "Il-Milied" (p. 43):

> Tama fissret id-dija tal-kwiekeb,
> Tama l-ħdura tas-siġar fir-rdum…

Fis-sunett "Nhar San Ġwann" niltaqgħu wkoll mal-kelma 'rħula' bl-artiklu definit magħmul bl-istess mod:

U ġewwa l-Knisja n-nies għadha tiltaqa'
Mill-bliet u r-rħula…

Meta nħarsu lejn in-nomi nsibu li xi kultant Dun Karm juri tendenzi partikulari. Hekk, pereżempju, meta fis-sunett "Ħerba" (p. 7) jagħti l-plural tal-kelma 'kus' hu ma jinqediex bil-forma 'kwies' kif jagħtuha fost l-oħrajn Falzon u Caruana, imma jagħti minflok il-forma 'kusien' kif jiġri jekk nimxu fuq il-mudell 'qies', plural 'qisien'.

Imbagħad, meta ġie biex isawwar nomi ġodda ġieli nqeda bl-istat kostrutt, bħal fil-każ ta' 'ktieb-il-ġrajjiet' fis-sens ta' 'storja' fis-sunett "Għal Dun Mikiel Xerri" (p. 3):

Kont għadni, nista' ngħid, ċkejken tarbija
meta ktieb-il-ġrajjiet ħabbibni miegħek…

Imma fl-istess kostruzzjoni daħħal ukoll is-sing bejn l-ewwel nom u l-artiklu definit ta' qabel it-tieni nom. L-użu doppju tas-sing biex isawwar kelma waħda minn tliet partijiet jidher ukoll fis-sunett "B'Dana Kollu…" (p. 19) fil-każ tal-isem proprju Magħna-hu-El li qiegħed f'tarf it-tieni terzina:

Xterdet l-aħbar tat-twajjeb Magħna-hu-El…
B'dan kollu ta' sikwit Għira miġnuna
Ittenni l-ġrajja ta' Kajjin u Abel.

Dun Karm ġieli wera tendenzi partikulari wkoll fl-użu tal-aġġettivi. Hekk, fil-Malti tal-lum aħna x'aktarx li ngħidu 'xebbiet Lhud', imma l-poeta tagħna għażel li jinqeda bil-forma tal-femminil singular b'sens ta' plural u kiteb 'xebbiet Lhudija' fis-sunett "Id-Duluri" (p. 10):

Hekk, mela, fost kemm hawn xebbiet Lhudija
Kellek tkun l-isbaħ waħda…

Għall-ewwel forsi wieħed jaħseb li dan hu każ ta' rima sfurzata billi l-aħħar kelma riedet tkun taqbel mal-kliem 'mimlija', 'dija' u 'Marija'. Imma r-rima 'ija' tant hi kotrana fil-Malti li din is-suppożizzjoni jkollha taqa' weħidha.

Għal raġunijiet metriċi, Dun Karm ġieli jinqeda bi frażi prepożizzjonali biex juri l-possessiv flok ma jinqeda bil-pronom mehmuż marbut direttament man-nom. Hekk, ngħidu aħna, fis-sunett "Id-Duluri" (p. 10) hu juża l-frażi 'Omm minn tagħna' minflok ma jinqeda bil-forma iktar sempliċi 'Ommna':

Iżjed mill-mewt ħasritek hi felħana:
Iżd'Alla jżommok ħajja biex issir,
Fil-mewt tal-Iben tiegħek, Omm minn tagħna.

F'dan l-aħħar vers wieħed jinnota wkoll il-frażi 'l-Iben tiegħek' minflok il-forma aktar sempliċi 'Ibnek'. Dawn iż-żewġ tendenzi huma tipiċi fil-poeżija Dunkarmjana.

Madankollu ma nistgħu bl-ebda mod ngħidu li Dun Karm kien jaħrab mill-pronomi mehmużin. Anzi, kultant forsi taħt l-influwenza tal-Malti mitkellem, ġieli jinqeda bih

meta jkun jista' faċilment jgħaddi mingħajru. Hekk hu l-każ meta jdaħħal il-pronom mehmuż wara l-verb bħal 'tag' tan-nominali li jkun warajh fil-funzjoni ta' oġġett dirett. Nieħdu bħala eżempju l-ewwel vers tal-poeżija "Għaliex? Jedd il-Lsien Malti" (p. 1):

Għaliex tarmih il-Lsien li tatek ommok…

In-nomi li magħhom inwaħħlu l-pronomi mehmużin fil-Malti modern huma x'aktarx dawk li magħhom aħna l-iktar familjari. Hekk ngħidu: 'ħsiebna', 'idejna', 'ħuna' u 'pajjiżna'; imma mbagħad, għall-inqas fil-Malti mitkellem, ma ngħidux 'ktiebna', 'pitazzina', 'stonkuna' u 'semana'. Dun Karm, madankollu, jaċċetta bi prekawzjoni l-użu ta' ċerti pronomi mehmużin bla ma jesaġera ħafna. Hekk, filwaqt li fil-Malti mitkellem la ngħidu 'semana' fis-sens ta' 'sema tagħna', u lanqas il-plural 'smewwietna', Dun Karm jaċċetta l-użu tal-kelma miżjuda 'smewwietna', imma ma jinqediex bil-forma tas-singular 'semana'. Ara l-għeluq tat-tieni terzina tas-sunett "Qawsalla" (p. 20):

Jinstama' talbhom? Hekk ikun, għax Alla
Ma jitlaqx lit-tajbin f'idejn il-ħżiena…
U fi smewwietna dehret il-Qawsalla.

Barra minn dan, Dun Karm jagħmel użu mhux żgħir tal-pronomi mehmużin man-nomi, mal-verbi u mal-prepożizzjonijiet f'tarf il-vers fil-pożizzjoni tar-rima. Hekk pereżempju fis-sunett "Lill-Muża" (p. 6) insibu dan il-kliem li jirrima permezz tal-pronom mehmuż, l-ewwel persuna singular, fil-kelmiet 'xofftejja', 'ħdejja', 'għajnejja' u 'idejja'. Hekk ukoll fis-sunett "Univers Ieħor" (p. 7) insibu r-rima 'ommha', 'fommha' u 'żżommha'. Fis-sunett "Lis-Silla" (p. 9) insibu r-rima 'tagħha', 'magħha' u 'tilqagħha'. Il-poeżija "Il-Għanja tal-Imħabba" (p. 91) tagħlaq ukoll b'rima bħal din:

Il-Bniedem biss li jaf x'inhi l-Imħabba
l-Imħabba ma ħabbhiex:
qalbu kesħet fis-silġ tal-Jien imkabbar
u l-Għanja m'għannihiex.

Meta jiġi għall-vokattiv, Dun Karm jinqeda kemm bil-partiċella tal-vokattiv 'o', u kemm bil-forma 'ja'. Imma stilistikament jagħmel distinzjoni. Hu jinqeda bil-partiċella 'o' meta jkun irid juża l-formalità, bħal fis-sunett "Lil Malta – Fuq il-Fruntiera: Wara Elfejn Attakk mill-Ajru" (p. 2):

Dejjem rajtek sabiħa, o Malta tiegħi…

L-istess ħaġa jiġri fis-sunett "Lil Malta" (p. 4):

Iżda daqsek lil ħadd, o Malta tiegħi…

Min-naħa l-oħra hu jinqeda bil-vokattiv 'ja' meta jkun irid idaħħal sens ta' familjarità bħal fis-sunett "Biki ta' Omm" (p. 5):

Għaliex narak b'dak wiċċek niedi
Bid-dmugħ? X'inhu li qed, j'Omm, ibikkik?
"Faħħruni l-barranin… każbruni wliedi".

Fil-forma arkajka n-nom 'nies' jieħu l-verb fil-femminil singular, filwaqt li fil-forma aktar moderna jieħu l-verb fil-plural. Dun Karm li kien jaf li seta' jagħżel kemm il-forma arkajka u kemm il-forma moderna, wasal biex aċċettahom it-tnejn, u ġieli saħansitra daħħalhom fl-istess vers bħalma għamel fis-sunett "Il-Għid tal-Imwiet" (p. 10):

Tgħaddi n-nies ħiemda u jtennu xi talbiet…

bl-ewwel verb 'tgħaddi' fil-femminil singular u t-tieni verb 'itennu' fil-plural. F'dan il-każ rebaħ il-prinċipju tal-varjetà.

Għal dak li huwa temp, Dun Karm ġieli għamel xi tibdil biex il-poeżija tkun iktar effettiva. Hekk fis-sunett "Wied Qirda" (p. 9) hu nqeda bil-preżent storiku:

nisma' ġol-fraxxnu u ġol-ħarrub tal-plajja
bħal karba twila ta' min qed ibati
u jigdem l-art fl-uġigħ tal-aħħar firda…

Fil-verbi Dun Karm jinqeda bil-persuni kollha, imma l-iktar persuna karatteristika tiegħu hi l-ewwel persuna singular li tidher f'parti kbira tal-poeżiji tiegħu. Hekk, pereżempju, fi "Żjara lil Ġesù" (p. 21) jgħid:

Qatt ma ninsa l-ħlewwiet li ħassejt f'qalbi
dik id-darba, o Ġesù.

Is-saffika "It-Tifla tar-Raba'" (p. 70) tibda wkoll hekk:

Jien rajtek kemm-il darba u għirt għall-qawwa
Ta' dirgħajk u riġlejk, ja bint ir-raba':
Rajtek hienja u daħkana s-sjuf u x-xtiewi
    Tbakkar u tishar…

"Il-Għanja tar-Rebħa" (p. 73) tibda wkoll fl-ewwel persuna singular:

Iżda fi lsienek ngħannihielek l-għanja
li ġewwa qalbi jien sawwart għalik,
u niktibha bid-demm li tatni ommi
nixtieq, ja Malta, biex ħaqqek nagħtik…

Ara wkoll l-impronta personali ta' Dun Karm fil-ftuħ tal-poeżija "Żagħżugħ ta' Dejjem" (p. 114):

Nistħajjel għadhom fuqi
dawk ix-xmux li bisuni fit-tfulija,
u nħoss taż-żmien is-sikka
tħarbex fuq ġbini r-radda tax-xjuħija…

Nota oħra karatteristika fl-użu tal-verbi f'Dun Karm insibuha fil-frekwenza tal-imperattiv fil-poeżija tiegħu. Dun Karm, bil-personalità u bil-figura imponenti tiegħu, ma joqgħodx lura biex jagħmilha tal-profeta f'pajjiżu anki jekk jaf u jifhem li Malta ta' żmienu ma riditx tisimgħu. Hu jwiddeb u jikkmanda, hu jhedded u jipprojbixxi skont il-ħtieġa tal-mument. Hu għalhekk jinqeda bl-imperattiv b'mod sistematiku, u b'konsistenza kbira f'ħafna mill-poeżiji tiegħu. Hu ġieli l-ewwel jesponi l-problema tiegħu u wara joħroġ bl-

imperattivi, u ġieli wkoll jagħmel il-lamentazzjonijiet tiegħu, biex wara jikkmanda u jipprojbixxi. Ara pereżempju, il-poeżija "Għaliex?" (p. 1) fejn l-ewwel jilmenta:

Għaliex tarmih il-Lsien li tatek ommok,
u titlef għaqlek wara Lsien barrani?
Maltija kienet l-ewwel kelma f'fommok
u bil-Malti tkellimt tifel daħkani.

Ftit 'l isfel imbagħad joħroġ bl-imperattivi fil-pożittiv u fin-negattiv:

ħobb, jekk jiswewlek, l-Ilsna barranija,
iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa.

Anki l-istess forma tal-imperattiv negattiv 'le tbarri' hi waħda arkajka u taqbel iżjed matton widdiebi ta' Dun Karm.

Dun Karm ġieli wkoll inqeda bl-imperattiv biex joħroġ l-effett ta' ottattiv hekk li jfisser aħjar ix-xewqa, x'aktarx qaddisa, tiegħu. Hekk, fis-sunett "Lis-Silla" (p. 9) hu juri x-xewqa li jitgħallem iħares lejn Alla, ix-Xemx Ħanina tagħna, f'kull azzjoni tiegħu ħalli jasal għall-milja tal-imħabba:

Ja siġra tajba ta' dil-gżira tagħna,
għallimni nħares lejn ix-Xemx Ħanina
li bid-dawl tagħha biss ruħi tistagħna;
biex, kif minn qalbek, taħt ix-xemx titrabba
il-warda ħamra, hekk, ta' ħajti żina,
toħroġ minn qalbi l-warda tal-imħabba.

F'dan is-sens, Dun Karm jinqeda ħafna bl-imperattiv kif jidher fis-siltiet li ġejja: "int arġa' wasslu d-dar" ("Kewkbet is-Safar", p. 11); "tħallihiex tmut bil-għatx" ("Talba għax-Xita", p. 12); "Iftaħ, Mulejja, l-għajn tal-ħniena fuqna" ("Talba għax-Xita", p. 12); "Agħtina l-ilma ħalli jfur ir-raba'" ("Talba għax-Xita", p. 12); "Ħares, Missier, għax Int ġarrabt il-mewġa,/f'liema baħar tinsab id-dgħajsa tagħna!" ("Il-X ta' Frar (1936)", p. 16); "Aqbad it-tmun; ħaddem l-għeruq ta' drieghek;/Int mexxi d-dgħajsa" ("Il-X ta' Frar (1936)", p. 16); "Erwieħ agħtini; il-bqija ħudu" ("Lil San Ġwann Bosco", p. 17); "Ħares, Madonna: fuq il-ġnus ħosbiena/għaddejja sħaba sewda" ("Lill-Madonna ta' Lourdes", p. 18); "Kollox ħerba madwarna, iddew! ismagħna:/Tħallix lill-Għadu li kull jedd imiegħek/ Jiddieħak bik għax għandu id setgħana:/Urih, Mulej, kemm jiflaħ drieghek." ("Fis-7 ta' Mejju, 1941", p. 19); "hekk, ja Mulejja,/Ejja żurni, bit-tfal tnejn tnejn, bil-leħen/Li jitlob ħniena." ("Il-Vjatku", p. 27); "L-aħħar Ħabib, ejja ġo sidri u qiegħed/Qalbek fuq qalbi u minn kull dnub saffiha" ("Il-Vjatku", p. 27); "ixgħel, ixgħel,/ja lampa ċkejkna" ("Lampa Ċkejkna", p. 55); "xandar lill-ġnus taż-żewġ qasmiet tad-dinja/li qatt rebħa ma rajt isbaħ minn din." ("Il-Għanja tar-Rebħa", p. 75).

Dun Karm l-aktar li jinqeda bl-imperattiv fis-sens ta' kmand jew ta' projbizzjoni hu meta jkun jitkellem ma' Malta, mal-Maltin u ma' nies intimi għalih. Ara pereżempju l-imperattivi f'dawn l-erba' strofi li ġejjin meħudin mill-poeżija "Lid-Dielja" (p. 63):

O Malta tiegħi, ma rajthiex id-daħka,

Ma smajthiex tfaqqa' fuq xofftejn barrani?
Urieh imlibbsa kullimkien bid-dwieli
    Għoljiet xemxija.

Tħarisx lejn dari; la tistmellx is-sengħa
Ġdida li tgħarrfek kif ittuq id-dielja:
Iżbor u qaċċat: tħallihiex tisserdak,
    Iżda mogħnija

Bi ftit għenieqed fuq qasbiet imsallba,
Żommha bejn għolja u baxxa; u jekk xi marda
Il-għerq tmissilha, jew il-għenbu, inkella
    Il-werqa sfajra,

Roxxilha t-trab tal-kubrit, saqqiha
Bl-ilma tar-ram; u l-oqsma jerġgħu ħodor:
Forsi mhix ċajta; mhux għax hekk kien darba
    Hekk jibqa' dejjem.

B'ton iktar solenni u b'ordni ta' profeta jċanfar lil Malta u jgħidilha terġa' lura fuq triqtha biex issib il-fejqan tagħha fil-poeżija "Lil Malta tal-Lum u ta' Għada" (p. 77):

Malta! Jekk għadu ma nkitebx fis-sema
għalik il-ħaqq li mess lil Babilon,
arġa' lura fuq triqtek: Min ifejqek
    jistenniek ġo Sijon.

**Ċ. Aspetti Sintattiċi**

Is-sintassi ta' Dun Karm hi waħda rikka, xi kultant sempliċi, u xi kultant kumplessa. Imma kemm meta jinqeda bis-sempliċità sintattika, u kemm meta jinqeda bil-komplessità tas-sintassi, Dun Karm jinħass li qiegħed iħaddem l-istil għoli u maestuż. Il-Malti tiegħu jingħażel għalih kemm minħabba li ma jaqbilx mal-Malti ta' kittieba u poeti oħra Maltin, u kemm minħabba li hu 'l bogħod ħafna mill-Malti mitkellem. Fih kull frażi hi meqjusa u mirquma hekk li l-binjiet sintattiċi joħolqu sena ta' solennità li tgħin ħafna biex il-poeżija tkun individwalizzata u xejn inqas apprezzata.

Bħala eżempju nistgħu nieħdu s-sunett "Univers Ieħor" (p. 7) li minkejja l-qosor tiegħu jippermettilna naraw ir-rikkezza lingwistika ta' Dun Karm:

Sema ieħor ma tafx għajr il-wiċċ t'ommha
Dejjem safi bla nikta ta' ħajbura,
Anqas xemx oħra ħlief tbissimet fommha
Li tieħu ta' kull dawl il-lewn u s-sura.

Kwiekeb tnejn biss, u hemm ħarsitha żżommha
Meta f'ħoġorha tq'għedha l-omm għajjura;
U waqt li l-għonq taqbdilha jew il-komma,
Tiġbed minn sider bnin l-ogħla matmura.

Tar-regħba tal-bnedmin m'għandha ebda ħabar,
Anqas taf kif id-dmugħ minnhom jinxtara,
'L ommha biss taf, hemm l-univers jinġabar.

U minn dak l-univers ta' tjieba u dija
Li jiddi ħelu fuq il-wiċċ ta' mara
Alla jixref u jidħak lit-tarbija.

Meta wieħed iħares lejn il-parti tad-diskors li hemm f'dan is-sunett "Univers Ieħor" isib li prattikament kull parti tad-diskors hi rappreżentata. B'kollox hemm 120 okkorrenza, imqassmin kif ġej f'ordni dixxendenti: Nomi 33; Prepożizzjonijiet 17; Verbi 14; Artiklu Definit 14; Pronomi iżolati u mehmużin 13; Aġġettivi 10; Konġunzjonijiet 9; Avverbji 8; u Partiċelli 2. Jekk inħarsu lejn il-persentaġġ ta' din il-frekwenza nsibu li 27.5% huma Nomi; 14.16 huma Prepożizzjonijiet; 11.66 huma Verbi; 11.66 oħra huma Artikli Definiti; 10.83 huma Pronomi; 8.33 huma Aġġettivi; 7.5 huma Konġunzjonijiet; 6.66 huma Avverbji; u 1.66 huma Partiċelli.

Ħarsa lejn dan it-tagħrif statistiku turina malajr il-komplessità tas-sintassi Dunkarmjana. Fl-istruttura tal-wiċċ ta' dan is-sunett hemm 11.66% Verbi, u fl-istess ħin hemm 27.5% Nomi. Fi kliem ieħor filwaqt li prattikament hemm verb wieħed għal kull vers, hemm kważi żewġ nomi għal kull vers, u dan minkejja l-fatt li hemm nomi oħra sottinteżi jew moħbija. Hekk, pereżempju, is-sunett jibda direttament: "Sema ieħor ma tafx", mingħajr ma ssemma s-suġġett 'tarbija'. Dan in-nom jissemma direttament għall-ewwel darba fl-aħħar vers tas-sunett, anzi iktar preċiżament fil-frażi prepożizzjonali 'lit-tarbija' li tagħlaq il-poeżija.

Ħarsa iktar mill-qrib lejn is-sunett titfgħalna dawl biżżejjed biex nifhmu l-għala l-persentaġġ tan-nomi hu għoli. Hu minnu li n-nomi jistgħu jiffunzjonaw bħala suġġett u bħala oġġett fis-sentenza, imma huma jistgħu wkoll jidhru fil-frażijiet perpożizzjonali. U dan hu sewwasew dak li ġara fil-każ tas-sintassi Dunkarmjana. F'dan is-sunett insibu li hemm 14.16% Prepożizzjonijiet, u dan hu l-akbar persentaġġ wara dak tan-nomi.

Biex wieħed jifhem kemm huma spissi l-frażijiet prepożizzjonali f'dan is-sunett, dejjem fl-istruttura tal-wiċċ, irridu ngħidu li fl-erbatax-il vers tiegħu hemm sbatax-il frażi prepożizzjonali. Dawn huma:

1. għajr il-wiċċ (v. 1)
2. t'ommha (v. 1)

3. bla nikta (v. 2)
4. ta’ ħajbura (v. 2)
5. ħlief tbissimet fommha (v. 3)
6. ta’ kull dawl (v. 4)
7. f’ħoġorha (v. 6)
8. minn sider bnin (v. 8)
9. tar-regħba (v. 9)
10. tal-bnedmin (v. 9)
11. minnhom (v. 10)
12. ’l ommha (v. 11)
13. minn dak l-univers (v. 12)
14. ta’ tjieba u dija (= ta’ tjieba u ta’ dija) (v. 12)
15. fuq il-wiċċ (v. 13)
16. ta’ mara (v. 13)
17. lit-tarbija (v. 14)

Minn dawn il-frażijiet prepożizzjonali kollha hemm waħda biss li fiha pronom mehmuż; is-sittax l-oħra kollha fihom nom, meta mhux ukoll tnejn, u wħud minn dawn in-nomi fihom ukoll il-pronom mehmuż biex ikomplu l-komplessità sintattika. Il-frażi ‘minnhom’ hi magħmula mill-prepożizzjoni ‘minn’ u mill-pronom mehmuż ‘hom’ li qiegħed minflok in-nom fil-plural ‘bnedmin’ li hemm fil-vers 9. Il-frażi ‘ta’ mara’ hi magħmula minn prepożizzjoni u nom mingħajr ebda definitezza. Il-frażi ‘għajr il-wiċċ’ hi magħmula minn prepożizzjoni u nom bl-artiklu definit *il-*. Il-frażi ‘minn dak l-univers’ hi magħmula minn prepożizzjoni, aġġettiv dimostrattiv (dak) u nom bl-artiklu definit. Il-frażi ‘minn sider bnin’ hi magħmula minn prepożizzjoni, nom u aġġettiv. Min-naħa l-oħra, il-frażi ‘ħlief tbissimet fommha’ hi magħmula minn prepożizzjoni u żewġ nomi fi stat kostrutt magħmulin minn nom segwit minn nom ieħor li hu definit permezz tal-pronom mehmuż femminil singular. B’hekk, il-varjetà sintattika għandha tidher ċara.

Barra minn dan, il-frażijiet prepożizzjonali għandhom funzjonijiet differenti. Hekk pereżempju, il-frażi ‘t’ommha’ hi aġġettivali u tikkwalifika n-nom ‘il-wiċċ’, filwaqt li l-frażi ‘f’ħoġorha’ hi avverbjali tal-post u timmodifika l-verb ‘tq’għedha’ li għandu wkoll il-pronom mehmuż.

Fl-istess sunett insibu għaxar aġġettivi, disa’ konġunzjonijiet u tmien avverbji, minbarra erbatax-il artiklu definit. Dawn ikomplu jagħtu aspett solenni u stil ta’ Malti għoli u mirqum lill-kitba ta’ Dun Karm. Dan l-istess stil għoli jidher mhux biss fis-sunett “Univers Ieħor”, imma wkoll fil-bqija tal-poeżija Dunkarmjana.

**D. Aspetti Lessikali**

Il-lessiku ta’ Dun Karm jiddependi ħafna mill-iskop poetiku Romantiku li għalih kien magħżul. Bħala regola ġenerali, il-vokabolarju mħaddem hu Semitiku fil-qofol tiegħu u

minħabba f'hekk hu wkoll limitat. Hu biss 'l hawn u 'l hinn li jidher xi vokabolarju Taljan, filwaqt li l-vokabolarju Ingliż u dak Latin jitfaċċaw bħala eċċezzjoni. U dan għaliex Dun Karm kien jemmen fil-Malti safi, iżjed u iżjed fil-kitba tal-poeżija. Kien tassew b'konvinzjoni li Dun Karm, fil-poeżija "Għaliex?" (p. 1), stqarr bil-miftuħ:

> Maltija kienet l-ewwel kelma f'fommok
> u bil-Malti tkellimt tifel daħkani.

Biex jirnexxilu jinqeda kemm jista' jkun b'vokabolarju Semitiku, Dun Karm kien jittratta ħafna drabi fuq ħwejjeġ konkreti, u meta mess ħwejjeġ astratti, x'aktarx li ra kif għamel u fl-istess waqt inqeda bis-simboliżmu u l-metafori biex reġa' sab ruħu fuq l-art iebsa. Nieħdu bħala eżempju s-sunett "Bjuda" (p. 15):

> Rajtek filgħodu tidħak qalb il-ħdura
> Ta' ġnien ifuħ, fuq ġilju u ġiżimina,
> Safja bla nikta, u fuqek dik il-ħmura
> Li tixgħel fit-twelid tax-xemx ħanina.
>
> U rajtek, f'nofsinhar ħiemed, minxura
> Fuq is-silġ, tal-għoljiet ilbies u żina,
> Tiddi mill-bogħ'd fuq il-għajnejn għajjura
> Ta' min iħoss tal-għoli x-xewqa rżina.
>
> Sabiħa, o Bjuda! U f'qalbi kibes ġamar
> Ta' mħabba meta rajtek filgħaxija
> Tħares ħosbiena minn fuq wiċċ il-qamar.
>
> U ħlomt ħolma tal-ġenna – dehra ġdida!
> Rajtek tkebbeb, bħal star, Tfajla Lhudija
> Li kienet xebba u kellha 'l binha f'idha.

F'dan is-sunett Dun Karm tkellem fuq kunċetti astratti bħalma huma l-bjuda, il-ħdura, il-ħmura u s-safa billi nqeda bi ħwejjeġ konkreti kif inhuma l-ġilju, il-ġiżimina, il-ħaxix tal-ġnien, is-silġ, il-qamar u t-Tfajla Lhudija. B'dan il-mod, hu kkonkretizza l-astrazzjonijiet li ried jittratta bla ma kellu jirrikorri għal vokabolarju tekniku u filosofiku ta' nisel Rumanz.

Dun Karm ġieli daħħal neoloġiżmi bil-ħsieb li jżomm l-aspett Semitiku tal-lessiku tiegħu. Hekk għamel, pereżempju, meta daħħal il-kliem 'ktieb-il-ġrajjiet' ("Għal Dun Mikiel Xerri", p. 3) flok 'storja', 'Magħna-hu-Eli' ("B'Dana Kollu…", p. 19) flok 'Emmanwel' jew 'Manwel' fil-forma mqassra, u 'Emmna' ("Il-Vjatku", p. 27) flok 'Fidi'.

Il-poeta tagħna nqeda wkoll bil-liċenzja poetika biex iqassar ċertu kliem fil-bidu, fin-nofs jew fit-tmiem tiegħu. Dan jista' jidher f'dawn l-eżempji: ''Mma jien ma rajtek qatt bħal-lum sabiħa' ("Lil Malta – Fuq il-Fruntiera", p. 2), 'u fittixt, imm'għalxejn, fuq l-art

Maltija/ħaġra li turi fejn hu l-qabar tiegħek' ("Għal Dun Mikiel Xerri", p. 3), 'iżd'għax ħabbejtha lil din l-Art Ħanina' ("Lil Mikiel Anton Vassalli", p. 3), 'S'dirha mwettaq ġol-ifrem azzar' ("Il-Monument", p. 28).

Dun Karm jinqeda wkoll bi kliem ta' bixra familjari jew ta' taħnin u għożża. Ara bħala eżempju l-kliem li ġej: 'immela' ("Għaliex?", p. 1), 'ċkejkuna' ("Żjara lil Ġesù", p. 23), 'kos' ("Ateiżmu", p. 42). Hekk ukoll inqeda b'vokabolarju arkajku jew nofsu mejjet bħal f'dawn l-eżempji: 'gewġa' ("Il-X ta' Frar (1936)", p. 16), 'utieqa' ("Il-Lampa tas-Sagrament", p. 17), 'xgħil' ("Il-Lampa tas-Sagrament", p. 17), 'ħedma' ("Ġesù", p. 20), 'ħawi' ("Lampa Ċkejkna", p. 55), 'qada' ("Lil Malta tal-Lum u ta' Għada", p. 76) u 'amman' ("Spes Ultima", p. 103).

Minħabba l-kultura Klassika tiegħu, Dun Karm mess ċerti temi bħalma hi dik tal-filosofija tal-ħajja wara l-mewt fil-każ tal-poeta, kif jidher fil-poemett "Non Omnis Moriar" (pp. 98-101) miktuba fl-1927. Għalhekk ukoll isemmi kemm-il darba lil Ruma, lil Atene u lill-Greċja. Ara bħala eżempju, "Għal Dun Mikiel Xerri" (p. 3):

> Għax tajfitna b'għamilek sfat mirquma,
> U għall-qawwa li wrejt quddiem l-għedewwa
> Kienu jitkabbru bik Atene u Ruma.

Hekk ukoll fis-sunett "Milied u Missjoni" (p. 13) isemmi b'ġieħ il-bliet tal-kultura l-qadima:

> U marru l-Mibgħutin f'Atene u Ruma
> U raġa' twieled Kristu, u fuq id-drawwa
> Għadu jitwieled kull fejn jirfsu huma.

Ruma tissemma weħidha fis-sunett "Roma Immortalis" (p. 14):

> Hekk kibret, mill-qadima iżjed sabiħa,
> Ruma oħra, mgħannqa mas-Salib ta' Kristu,
> Ruma li ma tmut qatt, u qatt mhi xiħa.

Fis-sunett "Ġesù" (p. 20), Ruma terġa' tissemma weħidha:

> U nistħajlek ġo Ruma, l-Belt għajjura,
> Taħt l-art, fuq l-oqbra tal-mejtin imqiegħda
> U ħbiebek mixlijin, maħqura.

Atene, anzi din id-darba Ateni, u Ruma jerġgħu jissemmew flimkien fil-poeżija "Dan Min Hu?" (p. 51):

> .........F'Ateni u Ruma
> stama' leħnek – ħelu u qawwi –
> tal-ilsiera tkissru l-ktajjen,
> tas-sidien ħlew il-fehmiet...

L-istess jiġri fil-poeżija "Fil-Katakombi" (p. 45). Fis-sunett "Lill-Knisja" (p. 14) jissemmew mhux biss il-Greċja u Ruma, imma wkoll l-Eġittu u l-Babilonja:

> Bħall-mewġ tal-baħar, ħalla wara ħalla,
> Sawwar Javeh l-imperi llum mirduma:
> It-triq ħejjewlek, o tas-Sliem Qawsalla,

L-Eġittu, il-Babilonja, il-Greċja u Ruma.

Ċerti esklamazzjonijiet jidhru llum bħala manjeriżmu Dunkarmjan. Hekk hi, pereżempju, l-għajta 'iddew' bħal fis-sunett "Roma Immortalis" (p. 14):

Fejn hu l-midbaħ ta' Ġove? Id-djar mogħnija
Tas-slaten rebbiħin, iddew! fejn huma?

Hekk hi wkoll l-esklamazzjoni 'oh' bħal fi "Żjara lil Ġesù" (p. 23):

………Oh setgħa
oh ġenn ta' mħabba! oh tjieba! oh tjieba! oh tjieba!

Kien l-iktar taħt l-influwenza tar-reliġjon li Dun Karm daħħal xi vokabolarju ċkejken Latin bħal fit-titli: "Roma Immortalis" (p. 102). Il-vokabolarju Ingliż hu iktar ristrett. Dan jidher fit-titlu tal-poeżija "E-Boats" (p. 88) u xi kliem iżolat bħal 'sport', 'business', 'talkie' u 'wajerless' fil-poeżija "Progress" (pp. 129-130). Il-vokabolarju Taljan hu wisq iktar kotran minn dak Latin u Ingliż, imma billi ħafna drabi dan ikun addatta ruħu għall-fonoloġija tal-Malti, hu jinħass ftit li xejn. Hu fatt li l-Malti Semitiku hu bil-wisq u bil-wisq iżjed kotran.

**Konklużjoni**

Minn dan li għidna għandu jidher ċar li fil-mikrogrammatka ta' Dun Karm insibu kemm elementi partikulari tiegħu, anki saħansitra xi devjazzjonijiet bħalma rajna pereżempju fil-morfoloġija, u kemm ukoll għażla stilistika f'diversi livelli tal-ilsien bejn kitba tajba u oħra tajba daqsha. Meta wieħed iqis l-aspetti fonoloġiċi, morfoloġiċi, sintattiċi u lessikali tal-poeżija ta' Dun Karm, ikun jista' jgħid b'ċertezza min hu l-poeta tagħna u jfisser l-għaliex hu wasal biex għolla l-livell tal-poeżija tagħna u taha s-solennità li kienet tixirqilha.

## Biblijografija

Aquilina, Joseph, *The Structure of Maltese: A Study in Mixed Grammar and Vocabulary*, University of Malta: Malta, 1959.
– *Papers in Maltese Linguistics*, University of Malta: Malta, 1961.
– *Maltese Linguistic Surveys*, University of Malta: Malta, 1976.
– *A Maltese-Arabic Comparative Grammar*, Malta, 1979.
– Ed., *Antoloġija* ta' Dun Karm, A. C. Aquilina and Co.: Malta, 1963.
Chomsky, Noam, *Syntactic Structures*, Mouton: The Hague, 1957.
Fenech, Edward, *Vassalli u Kitbietu*, P.A.M: Malta, 1977.
– *Wirt il-Muża*, P.A.M: Malta, 1977.
– *Contemporary Journalistic Maltese*, E. J. Brill: Leiden, 1978.
– *Lingwistika Ġenerali*, A. C. Aquilina and Co.: Malta, 1980.
– *Għas-Sejħa tal-Għana*, A. C. Aquilina and Co.: Malta, 1980.

Fowler, Roger, Ed., *Essays on Style and Language: Linguistic and Critical Approaches*, Routledge and Kegan Paul: London, 1966.
Freeman, Donald C., Ed., *Linguistics and Literary Style*, Holt, Rinehart and Winston, Inc.: New York, 1970.
Guirand, P., u Kuents, P., Ed., *La Stylistique*: Paris, 1970.
Hunt, Horace G., Ed., *Proceedings of the IXth International Congress of Linguists*, The Hague, 1964
Sebeok, Thomas A., Ed., *Style in Language*, The M.I.T. Press, Massachusetts Institute of Technology: Cambridge, Massachusetts, 1958.
Vinay, J. P., u Darbelnet, J., *Stylistique Compareé du Français: Methode de Traduction*, Didier: Paris (1958), ed. riveduta, 1972.

[1] Ħafna mill-karti li nqraw fil-Konferenza dwar l-Istil fl-Indiana University, inklużi d-diskussjonijiet li saru wara, jinsabu fil-ktieb *Style in Language*, editjat minn Thomas A. Sebeok, The M.I.T. Press, Massachusetts Institute of Technology, Cambridge, Massachusetts. Il-ħtieġa tal-konferenza kienet inħasset waqt proseminar dwar l-ilsien poetiku mmexxi flimkien minn Thomas A. Sebeok, Sol Saporta u Edward Stankiewicz.

[2] Roger Fowler, Ed., *Essays on Style and Language: Linguistic and Critical Approaches to Literary Style*, Routledge and Kegan Paul: London, 1966.

[3] Donald C. Freeman, Ed., *Linguistics and Literary Style*, Holt, Rinehart and Winston, Inc.: New York, 1970.

[4] Ibid., pp. 21-39.

[5] Ibid., p. 3.

[6] Horace G. Hunt, Ed., *Proceedings of the IXth International Congress of Linguists*, The Hague, 1964, pp. 302-307.

[7] Ara pereżempju P. Guirand u P. Kuents, Ed., *La Stylistique*, Paris, 1970, pp. 3-15 fejn hemm varjetà sħiħa ta' definizzjonijiet.

[8] Ara Edward Fenech, *Contemporary Journalistic Maltese: An Analytical and Comparative Study*, E. J. Brill: Leiden, 1978, p. 148.

[9] Thomas A. Sebeok, Ed., *Style in Language*, p. 88, fejn Sol Saporta, waqt li jitkellem dwar l-istil fl-istudju 'The Application of Linguistics to the Study of Poetic Language', jgħid: "whereas the maximum unit in Linguistics is the sentence, a larger unit, the text, serves as the basis for stylistic analysis". Dwar il-paragrafu, ara pereżempju, J. P. Vinay u J. Darbelnet, *Stylistique Compareé du Français: Methode de Traduction*, Didier: Paris (1958), edizzjoni ġdida riveduta u kkoreġuta, 1972, pp. 231-2.

[10] J. Aquilina, *The Structure of Maltese: A Study in Mixed Grammar and Vocabulary*, University of Malta, 1959.

[11] J. Aquilina, *Papers in Maltese Linguistics*, University of Malta, 1961.

[12] J. Aquilina, *Maltese Linguistic Surveys*, University of Malta, 1976.

[13] J. Aquilina, *A Maltese-Arabic Comparative Grammar*, Malta, 1979.

[14] Skont ma sirt naf minn Dr Wallace Gulia u Dun Frans Camilleri, Dun Karm kien jippronunzja kliem bħal 'herra' bil-vokali qasira, jiġifieri ['erra], għaliex kien jaħseb li la fi kliem bħal dan inlissnu l-vokali qasira meta jkun hemm konsonanti oħra fil-bidu tal-kelma bħal fl-eżempju 'derra', hekk ukoll għandu jiġri meta l-ewwel konsonanti ortografika tkun 'h'. Dan kien raġunar ħażin, u għalhekk hu każ ta' iperkorrettezza.

[15] Ara Dwardu Fenech, *Wirt il-Muża*, Malta, 1977, pp. 44-45, fejn hemm dawn iż-żewġ sunetti miġjuba minn *Is-Salib* tal-15 ta' Frar 1908.